

Dispożittiv

Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE, tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, kif emendata bid-Direttiva 2011/51/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2011, tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li timponi liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, li japplikaw għall-ħruġ jew għat-tiġdid ta' permess ta' residenza fl-Istat Membru kkonċernat, il-ħlas ta' kontribuzzjoni li l-ammont tagħha jvarja bejn EUR 80 u EUR 200, sa fejn din il-kontribuzzjoni hija sproporzjonata fir-rigward tal-għan segwit minn din id-direttiva u tista' toħloq ostakolu għall-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija minnha.

(¹) ĠU C 339, 29.9.2014

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tat-3 ta' Settembru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Landgericht Krefeld – il-Ġermanja) – Colena AG vs Karnevalservice Bastian GmbH

(Kawża C-321/14) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet — Prodotti kożmetiċi — Protezzjoni tal-konsumaturi — Regolament (KE) Nru 1223/2009 — Kamp ta' applikazzjoni — Lentijiet tal-kuntatt tal-kulur b'disinni u mingħajr korrezzjoni tal-vista — Indikazzjoni fuq l-imballaġġ li tiddekrivi l-prodott inkwistjoni bħala prodott kożmetiku — Protezzjoni tal-konsumaturi)

(2015/C 354/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Krefeld

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Colena AG

Konvenuta: Karnevalservice Bastian GmbH

Dispożittiv

Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-prodotti kożmetiċi għandu jiġi interpretat fis-sens li lentijiet tal-kuntatt tal-kulur b'disinni u mingħajr korrezzjoni tal-vista ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament, minkejja l-fatt li l-imballaġġ tagħhom jinkludi l-indikazzjoni "aċċessorju kożmetiku għall-għajnejn suġġett għad-direttiva dwar il-prodotti kożmetiċi".

(¹) ĠU C 315, 15.09.2014.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-3 ta' Settembru 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Conseil d'État – Franza) – Etablissement national des produits de l'agriculture et de la mer (FranceAgriMer) vs Société Sodiaal International

(Kawża C-383/14) (¹)

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni — Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 — Artikolu 3 — Irkupru ta' għajjnuna Komunitarja — Sanzjoni amministrattiva — Miżura amministrattiva — Terminu ta' preskrizzjoni)

(2015/C 354/11)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil d'État